## Il-Ħadd, 11 ta' Ottubru 2020

Ġesù qal: "Is-Saltna tas-smewwiet tixbah lil wieħed sultan li għamel festa għat-tieġ ta' ibnu. U bagħat għall-mistednin mal-qaddejja tiegħu biex jiġu għall-festa; imma dawk ma ridux jiġu. U reġa' bagħat qaddejja oħra, u qalilhom: 'Għidu lill-mistednin: Ara, il-mejda tiegħi lesta ... ejjew għall-festa.' Iżda dawk ma tawx kas; min mar l-għalqa, min għan-negozju tiegħu, u l-bqija qabdu lill-qaddejja tas-sultan, żebilħuhom u qatluhom. Is-sultan inkorla ħafna ... Imbagħad qal lill-qaddejja tiegħu: 'Il-festa mħejjija, imma lil dawk ma kienx ta' min jistedinhom għaliha.'"

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 22, versi 1-7a. 8***

# 229

"L-istedina għandha tliet aspetti: hija b'xejn, ġeneruża, u għal kulħadd. Il-mistednin huma ħafna, iżda tiġri ħaġa kemmxejn stramba: ħadd minnhom ma jaċċetta li jieħu sehem f'din il-festa; jgħidu li għandhom ħwejjeġ oħra x'jagħmlu; anzi, uħud juru nuqqas ta' interess u ta' ħbiberija, u anke fastidju. Alla huwa twajjeb magħna, joffrilna b'xejn il-ħbiberija tiegħu, il-ferħ, is-salvazzjoni, imma ħafna drabi ma nilqgħux ir-rigali tiegħu; inpoġġu fl-ewwel post l-interessi tagħna; xi drabi nħossuh qisu qed jagħtina fastidju."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus,* 12 Ottubru 2014

# Meta jkollok x'tagħmel

*Lil Alla*
*x'post nagħtiH*
*f'ħajti?*

*Kif inġib ruħi*
*quddiem*
*l-istediniet*
*li Hu jagħmilli*
*biex nilqa'*
*mħabbtu?*

Irrid inkun sinċier miegħek, Mulej:
meta jkolli x'nagħmel
- u xi drabi jkolli ħafna x'nagħmel -
lilek l-ewwel wieħed li nniżżel 'l isfel fil-lista!
Jiġi x'jgħidli
li lilek nista' naffordja nħallik tistenna:
u allura ngħidlek biex tgħaddi iktar tard
fil-ġurnata
- ħalliha li mbagħad ma tantx ikolli moħħok
minħabba l-għejja u ħwejjeġ oħra li jinqalgħuli;
ngħidlek biex saħansitra tgħaddi iktar tard
f'ħajti
- meta ma jkollix x'nagħmel,
meta ma jkolli xejn xi jħabbatni.
Għinni nagħraf x'inkun qed nitlef
meta ma jkollix ħin ta' veru għalik.

## It-Tnejn, 12 ta' Ottubru 2020

Ġesù qal:
"Nisel ħażin huwa dan in-nisel!
Irid sinjal!
Imma ebda sinjal
ma jingħatalu
ħlief is-sinjal ta' Ġona.
Għax bħalma Ġona sar sinjal
għan-nies ta' Ninwè,
hekk isir Bin il-bniedem
għal dan in-nisel ...
F'jum il-ħaqq,
in-nies ta' Ninwè għad iqumu
ma' dan in-nisel u jikkundannawh,
għax huma nidmu
wara l-predikazzjoni ta' Ġona;
u araw li hawnhekk
hawn min hu aqwa minn Ġona!"

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 11, versi 29-30.32***

# 230

"Din il-ġenerazzjoni qed tfittex
sinjal, imma l-Mulej jgħid
li mhu se jingħatalhom ebda
sinjal ħlief dak ta' Ġona, jiġifieri
s-sinjal tal-Qawmien, tal-glorja
li aħna mexjin lejha. Imma
d-dutturi tal-liġi kienu magħluqin
fihom infushom, ma kinux
miftuħin għal Alla tas-sorpriżi,
lanqas kienu jafu li qegħdin f'mixja,
u inqas u inqas lejn fejn twassal ...
Ma kinux fehmu li l-liġi li kienu
jħaddnu u jħobbu kienet xi ħaġa
li trid twassal għand Ġesù Kristu.
Jekk il-liġi ma twassalx għand
Ġesù Kristu, hija liġi mejta."

PAPA FRANĠISKU, *Meditazzjoni,*13 Ottubru 2014

*Kemm jien*
*konvint*
*li qed f'mixja*
*li trid twassalni*
*fi ħdan Alla?*

*Din il-mixja*
*qed nagħmilha*
*b'qalb miftuħa*
*għas-sorpriżi*
*min-naħa*
*ta' Alla?*

# Lejn il-glorja

Il-mixja li aħna mistiedna nagħmlu
bħala dixxipli tiegħek, Mulej,
mhijiex xi eżerċizzju
biex nżommu lilna nfusna b'saħħitna,
biex ma nistaġnawx!
Hija mixja
li trid twassalna x'imkien:
li nkunu nistgħu nħaddnu darba għal dejjem
lilek li Inti l-Qawmien u l-Ħajja.
Agħmel li kull ħaġa li tidħol f'ħajjitna
- tkun xi tkun,
saħansitra d-dnub tagħna -
naraw fiha l-id li Inti tnewlilna
biex naslu għandek;
naraw fiha l-ħidma misterjuża tiegħek
biex insiru tiegħek.

## It-Tlieta, 13 ta' Ottubru 2020

Waqt li Ġesù kien qed jitkellem, wieħed Fariżew stiednu għandu għall-ikel. Daħal għandu u qagħad bilqiegħda. Imma l-Fariżew stagħġeb meta ra li qabel xejn ma nħasilx skont ir-riti ta' qabel l-ikel. U l-Mulej qallu: "U issa intom il-Fariżej! Intom tnaddfu t-tazza u l-platt minn barra, iżda minn ġewwa intom mimlija bis-serq u l-ħażen. Kemm intom bla moħħ! Min għamel in-naħa ta' barra, ma għamilx ukoll in-naħa ta' ġewwa? Mela agħtu karità minn dak li hemm ġewwa, u taraw kif kollox ikunilkom nadif."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 11, versi 37-41***

# 231

"Il-fidi m'għandhiex bżonn apparenza imma konkretezza. M'għandhiex bżonn li tkun imlibbsa bi ħwejjeġ li ma jkunux ħlief kortesija, speċjalment il-kortesija ipokrita, daqskemm il-ħila li wieħed iħobb b'mod ġenwin. Wara li l-Fariżew jiskanta li Ġesù ma jagħmilx ir-riti tal-ħasil ta' qabel l-ikel, Ġesù jikkundanna dik is-sigurtà li tkun mibnija fuq il-ħarsien preċiż tal-liġi. Ġesù jikkundanna din l-ispiritwalità artifiċjali, li wieħed jidher tajjeb, sabiħ, imma l-verità ta' ġo fih tkun xi ħaġa differenti għal kollox."

PAPA FRANĠISKU, *Meditazzjoni*, 14 Ottubru 2014

*X'għarfien*
*għandi*
*tal-ħażen tiegħi?*

*Inħallih għaddej*
*u nserraħ rasi*
*għax moħbi?*

# Li tiskanta bik innifsek

Aħjar niskanta bija nnifsi, Mulej,
milli bl-oħrajn!
Aħjar niskanta bit-tfettiq tiegħi fejn tidħol Int,
milli bl-oħrajn!
Aħjar niskanta bin-nuqqas ta' qbil li hemm ġo fija
bejn kif infittex li nidher u kif jien fil-fatt,
milli bl-oħrajn!
Aħjar niskanta bil-ħażen tiegħi,
milli bl-oħrajn!
Agħtihieli din il-grazzja li niskanta bija nnifsi,
għax b'hekk biss
inkun nista' ninqala' minn spiritwalità falza;
għax b'hekk biss
inkun nista' nagħmel pass ieħor
- imqar jekk ċkejken -
lejk.

## L-Erbgħa, 14 ta' Ottubru 2020

Il-Mulej qal: "Ħażin għalikom intom il-Fariżej! Intom tħobbu s-siġġijiet ta' quddiem fis-sinagogi u min isellmilkom fil-pjazez. Ħażin għalikom! Qiskom l-oqbra, li ma tagħrafhomx, u n-nies tgħaddi minn fuqhom bla ma tintebaħ bihom." Qabeż wieħed mill-għorrief tal-Liġi u qallu: "Mgħallem, b'dan li qiegħed tgħid qiegħed tgħajjar lilna wkoll." Qallu Ġesù: "Ħażin għalikom ukoll intom l-għorrief tal-Liġi! Intom tgħabbu n-nies b'tagħbijiet li bilkemm wieħed jiflaħhom u li intom stess anqas b'saba' wieħed ma tmissuhom!"

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 11, versi 43-46***

# 232

"Il-kuxjenza tista' tagħraf mhux biss li hemm qagħda li mhix twieġeb oġġettivament għall-proposta ġenerali tal-Evanġelju; tista' tagħraf ukoll b'sinċerità u onestà dik li għall-mument ta' issa hija t-tweġiba ġeneruża li tista' toffri lil Alla, u tiskopri b'xi ċertezza morali li dik hi l-għotja li Alla nnifsu qed jitlob minnha qalb il-kumplessità konkreta tal-limiti, anki jekk dan għadu mhux l-ideal oġġettiv sħiħ."

PAPA FRANĠISKU,
Eżortazzjoni Appostolika Postsinodali,
*Amoris Laetitia*, nru 303, 19 Marzu 2016

*Il-kuxjenza
tal-oħrajn
nirrispettaha?*

*Hemm xi persuni
li bi skuża
tal-Evanġelju
ngħabbi
fuqhom
tagħbijiet
li ma jifilħux
għalihom?*

# Spazju qaddis

Mulej,
bejnek u bejn kull bniedem
hemm spazju qaddis
li fih Int ma trid lil ħadd jidħol,
ħliefek u ħliefu.
Dan huwa l-ispazju li fih il-bniedem
Inti tridu jkun hu,
b'dak li fil-verità hu,
b'dak li jkun għaddej minnu.
Dan huwa l-istess spazju li fih Inti trid tkun Int,
b'dak li fil-verità Inti,
bl-aspirazzjonijiet u bix-xewqat
li Inti għandek għall-istess bniedem.
Agħmel, Mulej,
li dan l-ispazju qaddis jiġi rispettat
minn kulħadd.

## Il-Ħamis, 15 ta' Ottubru 2020

Il-Mulej qal:
"Ħażin għalikom
intom l-għorrief tal-Liġi!
Intom ħtaftu
l-muftieħ tal-għerf,
biex imbagħad
intom stess ma dħaltux
u żammejtu lura
lil min ried jidħol."
Meta Ġesù ħareġ minn hemm,
il-kittieba u l-Fariżej
bdew irossuh kemm jifilħu
b'mistoqsijiet
fuq ħafna ħwejjeġ
u jonsbuh
biex jaraw jaqbdux xi ħaġa
minn fommu.

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 11, versi 52-54***



"Dawk li jagħmlu l-kundizzjonijiet
huma ta' kif ikunu nsara jingħalqu
fl-ideat tagħhom, u dan iwassalhom
biex jagħmlu l-mixja kerha mill-fidi
għall-ideoloġija. U llum mhumiex
ftit dawk l-insara li jagħmlu hekk.
Huma nsara li jibżgħu jikbru,
li jibżgħu mill-isfidi tal-ħajja,
mill-isfidi tal-Mulej, mill-isfidi
tal-Istorja, marbutin kif inhuma
mal-konvinzjonijiet tagħhom
- dawk l-istess li kellhom qabel ...
li jibżgħu jintelqu f'idejn Alla,
u jippreferu jiġġudikaw kollox,
imma bil-kejl
li joħroġ mill-qalb fqira tagħhom."

PAPA FRANĠISKU, *Meditazzjoni*, 8 Ottubru 2019

*Xi tfisser għalija l-fidi?*

*Il-fidi f'Alla kif qed ngħixha?*

# Il-mixja tad-dixxiplu

Kemm inkun qed infaqqrek, Mulej,
meta lilek nagħmlek ġabra ta' ideat,
ukoll jekk ideat sbieħ u tajbin.
Kemm inkun fhimt ftit li xejn minnek
meta nagħżel li niġbrok f'għadd ta' regoli,
ukoll jekk regoli li ma ssibx xi tmaqdar fihom.
Kemm inkun prużuntuż
meta saħansitra nasal biex niddettalek jien
kif nimxi warajk,
ukoll jekk ikun hemm xi ħaġa tajba f'dan.
Inti Persuna, Mulej,
u bħala persuna tixtieq li tagħmilha miegħi
- persuna jien ukoll -
biex tmexxini 'l quddiem, biex timmaturani,
biex tisfidani nħallik toħroġ l-aħjar minni.
Agħtini li nagħrfek kif tassew Int.

## Il-Ġimgħa, 16 ta' Ottubru 2020

Ġesù qal
lid-dixxipli tiegħu:
"Ħames għasafar tal-bejt
mhux żewġ soldi
jinbiegħu?
U anqas
wieħed minnhom
ma hu minsi
quddiem Alla.
U intom,
sa x-xagħar ta' raskom,
kollu magħdud.
Xejn la tibżgħu,
għax intom
aktar
minn ħafna għasafar tal-bejt
tiswew."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 12, versi 6-7***

# 234

"Għal Alla inti tassew prezzjuż, int importanti għalih, għax int opra ta' jdejh. Għalhekk hu attent għalik u jiftakar fik bi mħabba. Għandek tafda fil-'memorja ta' Alla: il-memorja tiegħu mhix xi *hard disk* riġidu li jirrekordja u jarkivja d-dettalji kollha tagħna, imma qalb tenera ta' kompassjoni, li tifraħ tħassar darba għal dejjem kull ħjiel tal-ħażen tagħna.' Ma jridx iżomm il-kont tal-iżbalji tiegħek u, jiġri x'jiġri, se jgħinek titgħallem xi ħaġa mqar mill-waqgħat tiegħek. Għax Hu jħobbok!"

PAPA FRANĠISKU, Eżortazzjoni Appostolika,
*Christus Vivit,* nru 115, 25 Marzu 2019

# Il-memorja ta' Alla

*Meta Alla*
*jħares lejja*
*x'nistħajlu*
*jgħid?*

*Nemmnu*
*meta jgħidli*
*li Hu*
*ma jiftakarhomx*
*ħtijieti?*

Mulej,
Alla Missierek jieħu pjaċir jiftakar fil-bnedmin
bi stima,
bi mħabba,
b'qalb li l-ħin kollu tħabbat għalihom,
b'kompassjoni,
b'ġenn biex jaqsam magħhom kulma Hu,
b'determinazzjoni
biex jagħmel minnhom ħwejjeġ tal-għaġeb.
Ħa tkun din il-memorja Tiegħu
li tixprunana biex ninfetħu dejjem iżjed għaliH.
Ħa tkun din il-memorja Tiegħu
li tagħtina l-vera stima tagħna nfusna.
Ħa tkun din il-memorja Tiegħu
li twassalna biex nintelqu dejjem iżjed
f'idejH.

## Is-Sibt, 17 ta' Ottubru 2020

Ġesù qal
lid-dixxipli tiegħu:
"Kull min jgħid xi ħaġa
kontra Bin il-bniedem
tinħafirlu;
iżda min jieqaf
lill-Ispirtu s-Santu
ma jinħafirlux.
Meta jeħdukom
quddiem is-sinagogi
u l-kapijiet u s-setgħat,
toqogħdux tħabblu raskom
kif sejrin twieġbu
jew x'sejrin tgħidu,
għax l-Ispirtu s-Santu
jgħallimkom dak il-ħin stess
x'għandkom tgħidu."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 12, versi 10-12***

# 235

"Fl-intimità ma' Alla u fis-smigħ tal-Kelma tiegħu, ftit ftit inwarrbu l-loġika personali tagħna, li spiss hi ddettata mill-għeluq tagħna, mill-preġudizzji u l-ambizzjonijiet tagħna, u minflok nitgħallmu nitolbu lill-Mulej: 'X'tixtieq inti? X'inhu li jogħġob lilek?' B'dan il-mod tixxettel fina għaqda profonda kważi naturali mal-Ispirtu, u nduqu kemm hu minnu kliem Ġesù meta jgħid: 'L-Ispirtu s-Santu jgħallimkom dak il-ħin stess x'għandkom tgħidu'; u 'l-Ispirtu ta' Missierkom ikun qiegħed jitkellem permezz tagħkom'."

PAPA FRANĠISKU, *Udjenza Ġenerali*, 7 Mejju 2014

*Meta nagħmilha ma' Kristu x'nistenna mingħandu?*

*Inħallih jgħaddili l-Ispirtu tiegħu?*

# Għaġna waħda

Meta noqogħdu f'riġlejk, Mulej,
Inti tgħaddilna l-Ispirtu tiegħek;
u lil dan l-Ispirtu
Inti ma tħallihx imur fix-xejn!
Anzi, Inti tagħmel li Hu jintagħġen magħna
biex jagħġen lilna fih:
jidħol ġo fina b'tali mod
li dak li Huwa Hu
nsiru aħna,
li n-nifs tiegħu jsir in-nifs tagħna,
li l-ħajja tiegħu ssir il-ħajja tagħna.
Iftħilna qalbna beraħ għaliH,
għal dak li jixtieq iġib fina,
għal dak li jixtieq jagħmel minna,
għal dak li jixtieq iwettaq
permezz tagħna.